MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 268/2005

**Maltacom p.l.c. - C22334**

**Vs**

**Mario Agius (I.D. 342454M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm483.93c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21345493 liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali C4, Flat/7, Triq il-Principessa Margerita, Ta' Xbiex skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta’ Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------